MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 6/2011

**Kaz Numru: 47/2010 fl- ismijiet: -**

**Albert *sive* Robert Borg**

**vs**

**L-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta; Segretarju, Bord tal-Appelli Dwar it-Turizmu ghal kull intress li jista' ikollu**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fit-2 ta' Marzu 2011 il-Bord tal-Appell dwar it-Turizmu ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Bord,*

*Ra l-appell tal-appellant rigward id-decizjoni tal-Awtorita` Tat-Turizmu ta' Malta tas-6 ta' Ottubru 2010 permezz ta' liema avviz l-Awtorita` infurmat lill-appellant illi hija kienet*

*ser tirtiralu l-licenzja tal-Qawra Inn, licenzja numru H/0131 kif ukoll kull licenzja ohra mahruga in konnessjoni mal-lukanda, b'effett immedjat ai termini tal-artikolu 18 (d) tal-Avvz Legali 128 tal-2002 kif emendat;*

*Ra t-talba preliminari tal-appellant li biha talab ir-revoka ta' l-avviz tal-Awtorita` peress illi hemm Ordni tal-Qorti sabiex il-lukanda ma tinghalaqx u dan permezz tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1609/09;*

*Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet;*

*Sema' lill-partijiet jittrattaw din l-ewwel eccezzjoni;*

*Ikkunsidra;*

*Irrizulta illi hemm mandat ta' inibizzjoni vigenti numru 1609/09 kontra l-Kap Ezekurtiv, Awtorita` Maltija tat-Turizmu et li tinibiehom milli jghalqu l-lukanda Qawra Inn Hotel;*

*Illi l-istess mandat inhareg wara azzjoni li hadet l-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta kontra l-istess Albert sive Robert Borg sabiex tinghalaq il-lukanda Qawra Inn Hotel u liema procedura hija mertu ta' appell iehor maghmul mill-istess appellant quddiem dan il-Bord tal-Appelli kif diversament kostitwit;*

*Illi l-mandat inhareg mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili peress illi l-azzjoni li nhadet mill-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta abbazi tal-artikolu 42 ta' Art dwar is-Servizzi tal-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta) tilledi d-drittijiet tal-appellant ghall-access tal-Qrati garantit mill-artikolu 6 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll id-dritt ghar-rimedju effettiv garantit mill-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem peress illi l-appellant kellu jaghlaq il-lukanda qabel ma huwa kellu biss dritt jikkontesta l-istess ragunijiet ghalfejn kienet ser tinghalaq l-istess lukanda;*

*Irrizulta inoltre illi l-appell quddiem dan il-Bord jittratta dwar ir-revoka tal-licenzja numru H/0231 mahruga fir-*

*rigward tal-Qawra Inn Hotel liema azzjoni l-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta qed tiehu abbazi ta' l-artikolu 18 (d) tal-Avviz Legali 128 tal-2002;*

*Skont l-istess appellant l-Awtorita` ma tistax taghlaq il-lukanda peress li hemm mandat ta' inibizzjoni li jipprevenieha milli taghmel hekk, u dan sa tali zmien sakemm il-Qprti Kostituzzjonali tiddeciedi t-talba tal-appellant sabiex tiddikjara li l-artikolu 42 (2) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta jilledi d-drittijiet tal-appellant ghall-access tal-Qrati garantit mill-artikolu 6 tal-Kap 319 kif ukoll id-dritt ghar-rimedju effettiv garantit mill-artikolu 13 tal-Kap Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-artikolu 36(1) u 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. L-appellant jghid illi l-fatt li ma tinharigtx licenza ghandha l-istess konsegwenzi li kellha l-azzjoni l-ohra li hadet l-istess Awtorita` b'konsegwenza ta' liema nhareg il-mandat ta' inibizzjoni, ghaliex din ukoll twassal li tinghalaq il-lukanda, peress illi wiehed ma jistax jopera minghajr licenzja;*

*L-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta sostniet illi l-azzjoni li rigward taghha inhareg il-mandat ta' inibizzjoni hija differenti mill-azzjoni mertu ta' dan l-appell, peress illi fl-ewwel kaz l-azzjoni kienet wahda sabiex tinghalaq il-lukanda, mentri l-azzjoni ta' quddiem dan il-Bord hija wahda li tikkoncerna t-tigdied o meno tal-licenzja sabiex topera l-lukanda. L-Awtorita` wkoll tghid lli l-ligi li fuqha hija bbazata l-azzjoni odjerna hija wahda differenti mil-ligi li fuqha nthadet l-ewwel azzjoni sabiex tinghalaq il-lukanda. Illi filwaqt illi l-ewwel azzjoni li tat lok ghall-mandat ta' inibizzjoni twassal ghall-eghluq tal-lukanda qabel ma jinghata smigh xieraq, fl-azzjoni odjerna l-azzjoni li hadet l-Awtorita` tigi sospiza sakemm jinstema' l-kaz quddiem dan il-Bord. L-Awtorita` tghid ukoll illi l-licenza hija wahda limitata u ghall-perjodu ta' sena, u li filwaqt li l-proceduri li taw lok ghall-mandat ta' inibizzjoni kienu jirrigwardaw il-licenza tal-2009 dawk tal-procedura odjerna jirrigwardaw il-licenzja tal-2010 u ghaldaqstant il-mandat ma jaghmel ebda stat ghal dawn il-proceduri. Fl-ahharnett l-Awtorita` wkoll tghid lli l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jirrigwardaw lanjanzi li sehhu fl-2010, filwaqt li*

*dawk li taw lok ghall-mandat ta' inibizzjoni jirrigwardaw lanjanzi tal-2009 u ghaldaqtstant azzjoni li ttiehdet dwar lanjanzi tal-2009 ma tistax tipprekludi li tittiehed azzjoni dwar lanjanzi li sehhu fl-2010;*

*Fit-termini tal-artikolu 14 (1) tal-Att ghas-Servizzi tal-Ivjaggar tat-Turizmu ghal Malta (Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta):*

*'Il-Bord ikun kompetenti -*

*(a) Li jisma' u jiddeciedi appelli maghmul minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b'decizjoni tal-Awtorita` li tichad milli taghti jew iggedded, jew li tirrevoka, jew tissospendi licenza; jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew eskluzjonijiet f'licenza;*

*(b)... Izda l-kompetenza tal-Bord tkun limitata li tizgura li l-politika tal-Gvern u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi ligi ohra applikabbli jkunu gew implimentati jew applikati sew, u li d-diskrezzjoni vestita fl-Awtorita` tkun giet uzata b'mod ragonevoli'.*

*Fit-termini tal-artikolu 41 (5) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta:-*

*'Appell jissospendi effett tal-avviz appellat hlief meta dan ikun jipprojbixxi u/jew Iwaqqaf attivita` turistika. Jekk l-appell jigi milqugh, l-avviz ma jkollux aktar effett.'*

*Fit-termini tal-artikolu 18 (d) tal-Avviz Legali 128 ta' l-2002:-*

*'Meta l-Awtorita` tkun sodisfatta illi detentur ta' licenzja ta' attivita turistika*

*(d) ikun persistentement naqas li jhares xi kundizzjoni imposta fil-licenzja tieghu, l-Awtorita` tista meta tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tissosspendi, thassar, tirtira jew ma ggedditx dik il-licenzja ghall-gestjoni ta' attivita` turistika.'*

*Dan il-Bord ihoss illi l-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta agixxiet skont il-ligi meta harget l-ittra tas-6 ta' Ottubru 2010 abbazi tal-artikolu 18 (d) tal-Avviz Legali 128 tal-2002. Din kienet azzjoni li hija setghet hadet u li jidher li hadet skond il-ligi. Ghaldaqstant il-Bord huwa sodisfatt illi l-Awtorita` ottemperat ruhha mal-artikolu 14 (1) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Il-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni inhareg sabiex jiddeciedi dwar l-insindikabilita o meno tal-artikolu 42 (2) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu ma kienx invokat mill-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta meta ittiehdet l-azzjoni mertu ta' dawn il-proceduri. Dawn il-proceduri fil-fatt qed isiru abbazi tal-artikolu 18(d) li jittrattaw dwar tigdied ta' licenzji, u li b'differenza tal-ewwel azzjoni li ttiehdet u li waslat ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, ma twassalx ghall-eghluq tal-lukanda immedjat mal-hrug tal-istess avviz.*
*Dan il-Bord ihoss illi filwaqt illi l-proceduri li taw lok ghall-mandat ta' inibizzjoni kienu jitolbu l-eghluq tal-lukanda minghajr rimedju adegwat quddiem dan il-Bord tal-Appell, peress illi l-lukanda kellha tinghalaq qabel ma jinstemghu il-proceduri quddiem dan il-Bord, dan mhuwiex il-kaz fil-proceduri odjerni u dan jirrizulta car mill-istess artikolu 41(5) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta, hawn fuq citat. Fil-fatt il-lukanda ghandha tibqa' miftuha fil-mori ta' dawn il-proceduri ghaliex id-decizjoni tal-Awtorita` li ma ggedditx il-licenzja giet sospiza gjaladarba sar dan l-appell;*

*Il-Bord ukoll ihoss illi l-lanjanzi li taw lok ghall-azzjoni mertu tal-mandat ta' inibizzjoni mhumiex l-istess lanjanzi mertu ta' dan l-appell;*

*Il-Bord ghalhekk ma jhoss li l-mandat ta' inibizzjoni ghandu b'xi mod jew iehor jirrevoka jew jissosspendi l-avviz tal-Awtorta` tat-Turizmu tas-6 ta' Ottubra 2010. Dan il-Bord l-anqas ma jhoss li huwa ghandu jieqaf milli jkompli jisma' dan il-kaz, ghaliex l-azzjoni li abbazi taghha nhareg il-mandat ta' inibizzjoni mhix imsejsa fuq l-istess principji li msejsa l-azzjoni mertu ta' dan il-kaz. Ghalkemm l-effett ta' l-azzjoni li wassal ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni huwa l-istess bhall-effett li jkollha nuqqas ta' tigdied ta'*

*licenzja, il-premessi li fuqhom inhareg il-mandat ta' inibizzjoni mhumiex premessi li bihom huwa rinfaccat dan il-Bord. Ikun ingust li kieku kellha tintlahaq l-ewwel eccezzjoni tal-appellant, peress li l-lanjanzi li wasslu sabiex jitlob il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, mhumiex lanjanzi li ghandu ukoll f'dan il-kaz u ghaldaqstant ir-rimedju li huwa talab bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni sabiex jigu indirizzati dawn il-lanjanzi mhuwiex rimedju li huwa ghandu bzonn f'dan il-kaz.*

*Il-Bord ghalhekk qed jiddisponi minn din l-ewwel eccezzjoni billi jichad l-istess u tghaddi sabiex ikompli jisma' l-appell fil-mertu.*

*Il-Bord jirriserva d-dritt li jiddisponi dwar id-drittijiet dovuta taht ir-Regolamenti tal-2002 dwar id-Drittijiet ghat-Turizmu (Avviz Legali numru 125 tal-2002) fir-rigward ta' din l-eccezzjoni fi stadju ulterjuri."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Albert *sive* Robert Borg (ID 838147(M) datat 4 ta' Marzu 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta u s-Segretarju tal-Bord tal-Appell Dwar it-Turizmu datata 28 ta' Marzu 2011 a fol 5 tal-process fejn sostnew ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar it-Turizmu hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-6 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet u rapprezentant tal-Awtorita` Frank Farrugia. Dr. Mallia esebiet kopja legali tal-mandat ta' inbizzjoni li saret referenza ghalih fl-appell. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-

29 ta’ Marzu 2012 b’riserva li jekk ikun il-kaz fil-mori tiddeciedi r-rikors presentat mir-rikorrenti f’dan l-appell.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar it-Turizmu fl-ismijiet premessi datata 2 ta’ Marzu 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-appell odjern huwa fis-sens (a) li d-decizjoni hija nulla ghaliex meta inghatat l-istess decizjoni l-Bord ma kienx kostitwit skond kif provdut fil-**Kap. 409;** (b) id-decizjoni hija nulla ghaliex il-Bord iddecieda li l-Awtorita’ agixxiet korrettament meta harget l-ittra tas-6 ta’ Ottubru 2010 meta kull ma kellu jiddeciedi kien biss jekk l-Awtorita’ setghatx taghlaq il-lukanda in vista tal-mandat ta’ inibizzjoni mahrug mill-Qorti; (c) tali decizjoni ma kkunsidratx il-lanjanzi tal-appellant mressqa fl-ittra tieghu datata 17 ta’ Novembru 2010; (d) il-Bord iddecieda hazin meta cahad l-eccezzjoni tal-appellanta ghaliex ghalkemm huwa stess irrikonoxxa li l-effett tal-azzjoni li wassal ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni huwa l-istess bhall-effett li jkollha nuqqas ta’ tigdid ta’ licenzja xorta ordna li l-appell ghandu jitkompla, u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-appell.

Illi dwar l-ewwel aggravju jirrizulta li ghalkemm id-decizjoni kienet iffirmata mill-membri kollha tal-Bord, fil-mument li inghatat wiehed mill-membri tal-Bord ma kienx prezenti ghax kien indispost; jidher li l-Bord saqsa lill-appellanti odjern jekk kellux oggezzjoni li tinghata decizjoni fin-nuqqas ta’ presenza ta’ membru minnhom u l-appellant jidher li ma oggezzjonax u inghatat id-decizjoni.

Illi fl-**artikolu 13 tal-Kap. 409** jirrizulta li l-Bord tal-Appelli dwar it-Turizmu ghandu jkun kompost mill-membri hemm indikati. Fl-**artikolu 14 (9)** jinghad li hemm jinghad li

hemm dritt ta' appell minn din il-Qorti fi zmien 15-il gurnata mid-data tad-decizjoni li tkun inghatat skond l-**artikolu 14 (1) (a) u (b) tal-istess Kap.**

Illi l-**artikolu 14 (3) tal-Kap. 409** hemm indikat li *"d-decizjonijiet kollha tal-Bord ghandhom jinqraw fil-pubbliku u jigu ppublikati malajr kemm jista' jkun wara s-seduta li fiha jkunu nghataw".*

Illi minn dawn id-disposizzjonijiet jirrizulta li l-Bord ghandu jkun kompost mill-membri kollha tieghu kull meta jiltaqa' u wkoll u fuq kollox meta tinghata l-istess decizjoni, u dan johrog car mill-istess disposizzjonijiet tal-Ligi Specjali li ma jhallu l-ebda lok ghall-interpretazzjoni differenti, anke in vista' ta' rekwiziti elementari tal-komposizzjoni tal-Bord, u li d-decizjoni trid tinghata fil-pubbliku u li t-terminu ta' l-appell jibda jaghaddi mid-data ta' din id-decizjoni hekk moghtija fil-pubbliku. Ma hemm l-ebda eccezzjoni ghal dan, u lanqas ma hemm l-ebda provediment li jammetti xi temperanza minn dan ir-rekwizit bhal ma per ezempju hemm fl-**artikolu 216 tal-Kap. 12** li fil-kaz tal-Onorabbli Qorti tal-Appell jew il-Qorti Kostituzzjonali jipprovdi specifikatament li *"imhallef jew magistrat li jippresjedi dik il-qorti* (li jkollha izjed minn Imhallef jew Magistrat wiehed) *jista' jaghti sentenza hu minghajr ma jattendu l-membri l-ohra tal-qorti sakemm dik is-sentenza tkun iffirmata mill-inqas minn zewg membri tal-qorti".* Ma hemm lanqas ebda dubju li qorti hija wahda minn dawk indikati fl-**artikoli 2, 3 u 4 tal-Kap. 12** u l-Bord li minnu sar dan l-appell ma huwiex Qorti u allura din id-disposizzjoni ma tapplikax ghalih.

Illi dan ifisser li kemm il-darba l-istess Bord ma kienx debitament kompost fil-mument li inghatat id-decizjoni, dan irendi l-istess decizjoni bhala nulla u bla effett ai termini tal-Ligi, u tenut kont li r-regoli ta' Procedura huma ta' *public policy,* ma jistax u ma ghandux ikun hemm temperament taghhom, dment li l-ligi ma tipprovdix espressament mod iehor, li ovvjament f'dan il-kaz ma tipprovdix. Dan l-element lanqas jigi dispensat mill-kunsens ta' xi parti li tidher quddiem il-Bord ghall-istess ragunijiet hawn elenkati u ghalhekk din il-Qorti thoss u

qed ticcediedi li l-ewwel aggravju huwa ben fondat legalment u ghalhekk qed tilqa' l-istess u qed tiddikjara d-decizjoni fl-ismijiet premessi datata 2 ta' Marzu 2011 nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u ghalhekk qed tirrimanda u tirrinvija l-atti lill-istess Bord ta' L-Appelli Dwar it-Turizmu sabiex fid-dawl ta' dak hawn deciz, jittratta u jiddeciedi l-kaz skond il-Ligi.

## III.  KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta ta' l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta et datata 28 ta' Marzu 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-ewwel aggravju fir-rikors tal-appell tal-appellanti Albert *sive* Robert Borg datat 4 ta' Marzu 2011 u ghalhekk qed tiddikjara d-decizjoni tal-Bord ta' L-Appelli Dwar it-Turizmu datata 2 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet "Albert *sive* Robert Borg vs l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta" (Kaz. Numru 47 ta' l-2010) bhala nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk din il-Qorti qed tibghat u tirrinvija l-atti kollha relattivi lill-istess Bord ta' L-Appelli Dwar it-Turizmu sabiex fid-dawl ta' dak hawn deciz, jittratta u jiddeciedi l-kaz skond il-Ligi.**

**Bl-ispejjez ta' dan l-appell ghall-appellati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------